MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 525/1999/1

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Billi l-kontendenti izzewgu fl-20 ta' Mejju 1990 u l-kontendenti ghandhom tifla wahda, cioe' D illi ghandha seba snin.

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Marzu 1998, (Dok A).

Jghid l-istess konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti :-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti fuq imsemmija tigi fdata lill-attrici salv l-eccess tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet u taht il-modalitajiet stabbiliti appozitament mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tifla minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbiliti minn dina l-Qorti in vista inter alia, tad-dati tal-

akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u d-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit sabeix jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament il-konvenut diga intavola kawza ta' separazzjoni kontra l-attrici fl-atti tac-citazzjoni numru 1376/98NA liema kawza tinsab appuntata ghall-14 ta' Ottubru 1999 u ghalhekk dawn iz-zewg kawzi ghandhom jinstemghu flimkien.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess, l-ewwel talba tal-attur ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b' dan pero' li kienet l-istess attrici li gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-konvenuti.

3. Illi t-tieni u t-tielet talbiet tal-attrici mhux opposti.

4. Illi r-raba’ talba tal-attrici hija opposta limitatament ghar-rigward ta’ manteniment jew somma globali ghaliha u dana stante li hija attrici l-kawza tat-tifrik ta’ dan iz-zwieg u inoltre hija ghandha l-mezzi u s-sahha kollha biex taqla’ l-ghixien taghha.

5. Illi l-hames talba tal-attrici hija opposta stante li hija l-attrici hatja tal-firda ab initio u dana stante li meta zzewget lill-konvenut hija rat il-flus li jaqla’ u kif tista’ tghix ta’ sinjura a skapitu tieghu u dana kif jigi ppruvat waqt din il-kawza.

6. Illi dwar is-sitt u t-tieni talba l-konvenut jopponi ruhu izda jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijietinkluz id-dar konjugali li kollha qed tigi mhallsa mill-konvenut u jaqbel ukoll li ghandu jigi nominat perit biex jaghmel stima tal-istess beni.

7. Dwar is-seba’ talba din hija opposta u dana stante li l-attrici qatt ma kellha beni parafernali meta zzewget lill-konvenut u kien biss bis-sahha tieghu li setghet tinserixxi ruhha bhala abitanti fi flat f’ Tower Road Sliema.

8. Illi d-disa’ talba mhix opposta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda ;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-16 ta’ Mejju 2002 li permezz tieghu gie ordna illi x-xhieda moghtija f’ din il-kawza jghoddi bhala xhieda fil-kawza fl-ismijiet inversi numr 1376/98 u vice versa;

Rat ir-rapport[1] tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottor Noel Bartolo minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

---

[1] Fol.623 *et seq.*

Ikkunsidrat ;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-konvenut ; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut qed jsostni li hija l-attrici li gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u dan fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.precitat.

**Separazzjoni Personali**
Illi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li dawna zzewwgu fl-20 ta' Mejju 1989 meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 26 sena u l-konvenut, cittadin norvegiz, kellu 41 sena ;  u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Karin Kristina li ghada minorenni.

Illi fit-18 ta' Novembru 1989 il-partijiet xtraw il-fond appartament numru 14, blokk numru 175 f' Tower Road Sliema, fejn stabbilew ir-residenza matrimonjali.

Illi jirrizulta li l-konvenut jahdem ma' kumpanija taz-zejt barra minn Malta bhala electrical engineer u jaghmel perijodu twal barra minn Malta, filwaqt li l-attrici kienet tibqa' Malta bit-tifla.

Matul iz-zwieg zviluppaw diversi problemi bejn il-koppja dovuti ghall-komportament abusiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici u ta' binthom.  Zmien wara z-zwieg, l-attrici bdiet tinnota li l-komportment tal-konvenut fil-konfront taghha kien qed tmur ghall-aghar u bdiet tissuspetta li dan kien dovut ghall-fatt li kien imur ma' nisa ohra.  Fil-fatt is-sitwazzjoni pprecipitat meta l-attrici rceviet kopja[2] ta' transazzjoni bankarja datata 2 ta' Ottubru 1996 li kienet saret fuq rikjesta tal-konvenut sabiex il-bank jitrasferixxi minn kont komuni taghhom somma ta' flus lil mara ta' nazzjonalita' BrazilCa.  Skond l-attrici l-konvenut kien ammetta maghha li huwa kellu relazzjoni extra

[2] Fol.341

maritali ma' din il-mara ; bir-rizultat li r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet iddigenerat u pprecipitat fl-istituzzjoni tal-proceduri odjerni.

Mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb, u kien brusk fil-konfront tal-attrici. Huwa kien jikkrea tensjoni u inkwiet fid-dar matrimonjali bil-komportament abbusiv tieghu, anke fil-konfront ta' binthom komuni. Huwa kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus tant li dina kellha terga' tohrog tahdem biex tmantni lil bintha u lilha nfisa, u anke tissellef flus minghand ohtha biex jithallsu l-loans u spejjez essenzjali ohra ; u dan nonostante l-ordni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili li ffissat rata ta' manteniment pagabbli minnu pendente lite. Dan in-nuqqas da parti tal-konvenut ipperdura tul il-proceduri.

Mill-provi rrizulta nkontestat li f' okkazzjonijiet il-konvenut kien jghid lill-attrici, anke lil bintu direttament, li huwa kellu dubju dwar kemm it-tifla kienet verament bintu, u qal li ried li jsiru t-testijet tad-DNA f' dan ir-rigward, liema allegazzjoni pero' il-konvenut ma baqax isegwiha, u sallum ma' jirrizultax li saret kawza fit-termini ta' l-artikolu 70 tal-Kap.16. Il-Qorti tosserva li din l-imputatazzjoni, ut sic, maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' martu li t-tifla ma kienitx tieghu, u sahansitra sostna din akkuza quddiem l-istess minuri, minghajr ma mexa skond il-ligi bil-procedura hemm kontemplata, u allura halla din l-allegazzjoni minghajr bazi jikollha l-effett negattiv li jwegga' kemm lill martu kif ukoll lil bintu, dan il-fatt wahdu jikkostitwixxi ingurja gravi da parti tieghu fil-konfront ta' martu u ta' bintu.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-komportament abusiv, abitwali u ripetut, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu u bintu jikkostitwixxi sevizzi u ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16.

Ill rigward l-akkuza ta' adulterju maghmula mill-attrici, il-Qorti hi tal-fehma li l-elementi ta' prova mressqa in propositu ma humiex sufficjenti biex jissostanzjaw din l-imputazzjoni ; ghalkemm huwa koncess li jnisslu certu suspett dan ir-rigward.

Minn naha l-ohra, pero' l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni peritali li 'zgur li l-akkuza lancjata mill-mara li l-konvenut huwa adulteru, tammonta fin-nuqqas ta' prova ta' l-adulterju, ghal ingurja gravi da parti taghha lejn l-istess konvenut'[3]. F' dan ir-rigward hija valida s-sottomissjoni ta' l-attrici li din l-imputazzjoni maghmula minnha fil-konfront ta' zewgha ma kienitx wahda frivola u minghajr indizzji. Wara kollox il-konvenut baqa' ma tax spjegazzjoni verosimili u guramentata ta' dik it-transazzjoni bankarja; u s-suspetti ta' l-attrici alimentati b' dan id-dokument u r-ritratt[4] tal-mara in parola ma jirrendux l-allegazzjoni taghha bhala wahda kompletament infondata.

Ghaldaqstant l-akkuza ta' adulterju maghmula mill-attrici fic-cirkostanzi, ma tistax tikwalifika bhala ingurja gravi. Aliter li kieku l-attrici ma ressqet ebda prova f' dan ir-rigward b' mod li l-Qorti kienet allura necessarjament tasal ghall-konkluzjoni li l-allegazzjoni taghha kienet wahda fiergha u maghmula biss biex twegga' jew bhala tentattiv sabiex tipprova tottjeni gwadann ingust fil-proceduri odjerni.

Illi in kwantu ghall-allegazzjoni maghmula mill-konvenut ta' swat da parti ta' l-attrici, din il-Qorti ma tikkunsidrahiex bhala wahda kredibbili. Apparti mill-fatt ta' l-istatura tal-partijiet, ma hemmx provi sodisfacenti f' dan ir-rigward u l-kopji tal-komparixxi prezentati mill-konvenut, minghajr prova ta' l-ezitu tal-proceduri kriminali, ghandhom valur probatorju limitat biss ghall-fatt li kien saru zewg rapporti mill-konvenut fil-konfront ta' martu. Inoltre, ic-certifikat mediku esebit datat 22 ta' Mejju 1998 li jindika li l-konvenut kellu ferita ta' natura hafifa konsistenti f' ' tenderness over 2$^{nd}$ metacarpal'[5] ma twassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li din 'it-tenderness' giet kawzata mill-attrici, jew li giet kawzata mill-attrici volontarjament.

---

[3] Fol. 648
[4] Fol.344
[5] Fol.111

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u ghal dan jahti biss il-konvenut li bil-komportament tieghu fil-konfront ta' l-attrici u binthom irrenda ruhu hati ta' sevizzi u ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40.

**Kura u Kustodja**

Illi f' dan ir-rigward jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li dina tibqa' fil-kura u kustodja ta' l-attrici li, nonostante d-diffikultajiet riskontrati minnha kagun ta' l-inkwiet matrimonjali, u nonostante li l-konvenut ma kienx qed ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti, l-attrici zammet maghha u rabbiet lil binthom komuni mit-twelid taghha u li llum ghadha tghix ma' l-attrici.

Il-Qorti tosserva li huwa fl-interess tal-minuri li dina tibqa' tghix ma' ommha, b' access liberu ghal missier ; liema access pero' ghandu jigi esercitat bi ftehim bejn il-missier u l-minuri, li llum ghandha eta' u grad ta' maturita' sufficjenti ghal dan il-ghan, u li l-attrici jkollha preavviz ragjonevoli dwar l-access.

F' kull kaz l-access ghandu jigi esercitat biss f' Malta u l-konvenut ma ghandhu ebda jedd li johrog lit-tifla minuri minn dawn il-Gzejjer jekk mhux bil-kunsens ta' l-attrici jew bil-permess tal-Qorti ; inoltre l-access m' ghandux jkun tard bil-lejl jew f' ambjenti inadatti ghat-tfal ta' l-eta' taghha.

**Manteniment**

Illi permezz ta' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Marzu 1998 il-konvenut kien gie ordnat jhallas lill-attrici manteniment pendente lite fis-somma komplessiva ta' Lm850 kull xahar, rapprezentanti in kwantu ghal Lm650 manteniment ghall-minuri u Lm200 manteniment ghall-attrici, b'effett minn dak in-nhar. L-ammont ta' mantenimnet kien ikopri 'il-kontijiet kollha li qabel kienu jithallsu mill-intimat.'[6] Illi l-attrici tispjega li dan il-ftehim kien wiehed konkordat quddiem dik l-istess Qorti, u l-manteniment stabbilit kellu jinkludi l-kontijiet kollha,

[6] Fol.9 [cit.1376/98]

inkluzi l-loan mal-Bank, il-loan tal-karrozza u l-ispejjez kollha tad-dar. Fil-komputazzjoni tal-ammont tal-manteniment, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-pagamenti kollha li kellhom allura jithallsu mill-attrici.

Illi mill-provi rrizulta li mid-data ta' l-imsemmi digriet il-konvenut hallas manteniment li jkopri biss sa Settembru 1999, hlief ghas-somma ta' Lm1,200 li hu kien hallas f'ammonti separati bejn Ottubru 1999 u Marzu 2000[7]. Ghal bqija huwa halla lil martu u lil binthom ifendu ghar-rashom, u li martu kellha tara kif taghmel sabiex thallas il-kontijiet kollha li suppost kellhom jithallsu mill-manteniment li hi ma kientix qeda tircevi. Rizultat ta' dan l-attrici regghet bdiet tahdem, wara li kienet ghamlet b' success kors Universitarju, kif ukoll tissellef minghand ohta Lucia Camilleri, sabiex tkampa ma' l-ispejjez ta' kuljum, inkluzi dawk ta' l-iskola tat-tifla u tal-loans.

Illi permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Mejju 2002[8] il-konvenut talab li jigi varjat l-imsemmi digriet fis-sens li l-manteniment dovut lill-attrici kemm ghaliha kif ukoll ghall-minuri jigi ridott; principalment in bazi ghall-allegazzjoni tieghu li huwa kien marid minn Ottubru 1999 sas-16 ta' Marzu 2000, kif ukoll peress li wara din id-data ma kellux impieg fiss ; izda l-istess konvenut rikorrenti naqas milli jottempera ruhu mad-digriet preliminari moghti minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2002 li permezz tieghu kellu jipprezenta affidavit dwar l-allegazzjonijiet tieghu bid-dokumenti kollha relattivi rigwardanti l-introitu tieghu u jindika lill-Qorti l-pagamenti kollha li ghamel in bazi ghad-digriet tat-3 ta' Marzu 1998 jew in-nuqqas taghhom. Il-Qorti tosserva li, mhux talli sallum ir-rikorrenti ghadu inadempjenti f' dan ir-rigward, izda talli sahansitra fil-kontro ezami li sarlu fit-30 ta' Ottubru 2002[9] dwar l-intoitu tieghu, huwa kien manifestament evasiv fid-domandi f' dan ir-rigward, u f' certu stadju wkoll inkostistenti, u sallum il-konvenut baqa' ma prezenta ebda prospett jew ta' informazzjoni sofisfacenti sostnuta b' dokumenti dwar il-qligh tieghu.

---

[7] Dok.A – fol.486
[8] Fol.50 [cit.1376/98]
[9] Fol.537

In propositu huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet :

[1] Kif fuq spjegat, il-konvenut naqas li jaghti nformazzjoni adegwata dwar il-qligh tieghu. Il-figura moghtija minnu fid-deposizzjoni tieghu tat-30 ta' Ottubru 2002 hija approssimattiva u mhux sostnuta bi provi dokumentali. Il-Qorti tosserva ulterjorment li, gjaladarba l-konvenut allega li kien qed jithallas bi flus kontanti ghax-xoghol li kien jaghmel, allura multo magis kellu l-oneru li jzomm records adegwati tal-qligh tieghu biex jpproducihom in sostenn ta' l-allegazzjoni teighu, tenut kont li huwa kien qed jonqos mill-obbligu tieghu li jivversa manteniment lill-attrici u tenut kont ta' l-allegazzjoni tieghu li l-qligh percepit minnu kien gie ridott sostanzjalment u ghalhekk skond hu ma kienx fil-posizzjoni li jhallas l-manteniment fissat mill-Qorti.

[2] Illi z-zewg certifikati medici esebiti mill-konvenut ma' l-affidavit tieghu jipprovaw biss li fil-perijodu hemm indikat il-konvenut ma kienx tajjeb ghax-xoghol ; izda ma jikkostitwux prova sodisfacenti li f' dak il-perijodu huwa ma pprecepixxa ebda introitu mill-kumpanija li kienet timpjegah. Din kienet il-prova li kienet tispetta lilu fic-cirkostanzi u li hija mankanti. Ma giet esebita ebda dokument jew dikjarazzjoni minn naha tas-socjeta' li kienet timpjegah f' dak iz-zmien, dwar l-introitu tieghu ; u f' dan ir-rigward hija valida s-sottomissjoni attrici li huwa probabbli li bhala impjegat il-konvenut kellu perijodu ta' sick leave. Dwar dan, il-provi huma totalment siekta.

In fine jigi osservat li l-allegazzjoni tieghu li huwa kien ghamel xi zmien fi sptar gewwa Norway ma tirrizulta sostanzjata minn imkien.

F' dawn ic-cirkostanzi, u fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni adegwata li tissostanzja dak allegat mill-konvenut fir-rikors tieghu, it-talba tieghu ma tistax tintlaqa' u qed tigi michuda.

Konsegwentement id-dettami tad-digriet tat-3 ta' Marzu 1998 ghadhom sallum in vigore u r-rikorrent ghadu sallum obbligat jhallas il-manteniment lill-attrici fit-termini ta' l-

imsemmi digriet ; u ghalhekk sallum huwa ghadu dovut il-manteniment kollu minn Ottubru 1999, hlief ghas-somma ta’ Lm1,200 li l-konvenut kien hallas bejn Ottubru 1999 sa Marzu 2000.

Fir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni li l-fatt li l-attrici regghet bdiet tahdem minn Settembru tas-sena 1999 peress li l-konvenut kien arbitrarjament waqaf ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti, m’ ghandux jimmilita kontra l-pretensjoni taghha li tithallas il-manteniment kollu skond l-imsemmi digriet, ghax, kif fuq premess, il-fatt li dak id-digriet tas-Sekond Awla ma giex modifikat, ridott jew revokat, ifisser legalment li ghadu validu sallum fit-termini tieghu, u ghalhekk kemm l-attrici kif ukoll il-minuri ghandhom dritt li jippercepixxu l-arretrati kollha minn Ottubru 1999.

Inoltre, jigi ribadit li peress li l-manteniment kellu jkopri l-kontijiet kollha tal-partijiet, u peress li dan ma kienx baqa’ jithallas, l-attrici ma kellha ebda xelta ohra hlief li tipprova tlahhaq bil-paga modesta ta’ Lm350 fix-xahar derivanti mix-xoghol taghha, u bl-ghajnuna ta’ ohtha.

Illi in vista tal-premess, l-arretrati ta’ manteniment dovuti lill-attrici, komplessivament jekwivalu ghas-somma ta’ **LM74,450** rapprezentanti in kwantu ghal Lm57,850 manteniment tal-minuri u in kwantu ghal Lm17,800 manteniment dovut lill-attrici - mit-3 ta’ Ottubru 1999 sat-28 ta’ Marzu 2007, nieqes l-ammont mhallas ta’ Lm1,200;

In fine jinghad in propositu li, jekk dato non concesso il-posizzjoni finanzjarja tal-konvenut kienet verament inbiddlet ghal hazin, kif minnu allegat izda mhux provat, kien jispetta lilu li jottempera ruhhu mad-digriet preliminari tal-31 ta’ Mejju 2002 u jisostni l-allegazzjoni bi provi dokumentali kif mitlub mill-Qorti ; izda l-konvenut naqas li jaghmel dan tul il-proceduri, u ghalhekk imputet sibi li l-pretensjoni ta’ l-attrici f’ dan ir-rigward tidhol fil-parametri tal-ligi u mill-provi prodotti tirrizulta gustifikata.

Illi rigward il-manteniment pagabbli ghal futur, il-Qorti tosserva li fil-prezent l-attrici tahdem b’ salarju ta’ Lm350

fix-xahar, u ghalhekk, u tenut kont ukoll li hi ser tiehu somma sostanzjali ta' flus f' arretrat ta' manteniment bir-rizultat li l-ispejjez li harget u li sselfet ser jigu rfuzi lilha ; kif ukoll tenut kont tal-fatt li ser jithallas manteniment xieraq ghal minuri, hija ser tkun fil-posizzjoni li tmantni lilha nnifisha u ghalhekk mhux il-kaz *rebus sic stantibus* li jigi akkordat manteniment ghaliha ; izda qed jigi preservat id-dritt taghha li tesigi manteniment fill-futur minghand il-konvenut, bhala l-parti unikament hatja tal-firda, jekk ic-cirkostanzi jkunu hekk jirrikjedu.

Rigward il-manteniment pagabbli ghal minuri, il-Qorti tosserva li gjaladarba l-konvenut baqa' ma gabx provi sodisfacenti li juru l-kuntrarju, ghandu jibqa' validu d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-sens li l-manteniment dovut lill-minuri mill-konvenut ikun ta' Lm650 fix-xahar.

Illi rigward il-kontribut ta' l-attrici ghall-manteniment ta' bintha, Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt provat li l-attrici ilha waheda tiehu hsieb it-tifla komuni taghhom minn mindu twieldet, gjaladarba l-konvenut kien u ghadu jkun assenti ghal perijodu twal, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-minuri li llum ghandha circa 15- il sena ssib biss lill-ommha ghad-diffikultajiet u problemi li necessarjament tintaqa' maghhom fil-hajja ta' kuljum, il-Qorti thoss li dan fih innifsu huwa kontribut kbir u sufficjenti li qeda tghati l-attrici lil bintha, u ghalhekk, anke tenut kont li s-salarju ta' l-attrici huwa modest hafna fil-konfront ghal dak tal-konvenut, mhux il-kaz li din il-Qorti tobbliga lill-attrici tikkontribwixxi ulterjorment finanzjarjament ghall-manteniment tat-tifla minuri li minn naha taghha qed tircevi manteniment sostanzjali u adegwat minghand missierha l-konvenut.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-assi tal-komunjoni, attiv u passiv, jikkonsisti fis-segwenti :

*Attiv*

[1] Id-dar matrimonjali konsistenti f' appartament f' tas-Sliema numru 14, fil-blokk numru 175 f' Tower Road, flimkien ma' zewg garage spaces li skond valutazzjoni[10], mhux kontestata, li saret fit-12 ta' Lulju 2004 gew stamti fis-somma ta' Lm130,000 .

Il-Qorti ser taghti lill-partijiet l-opportunita' li, matul perijodu ta' tlett snin, huma jifthemu li dan il-fond inkluz l-ghamara jinbigh fuq is-suq liberu ; fin-nuqqas jinbigh bis-subbasta.

[2] Vettura ta' ghamla Volkswagen Golf mixtrija fis-19 ta' April 1996[11] versu l-prezz ta' Lm13,040, li parti minnu kien thallas permezz ta' tpartit ta' karrozza Honda Civic proprjeta' parafernali ta' l-attrici. Matul il-kawza l-konvenut kien ha din il-karrozza mill-pussess ta' l-attrici li ghalhekk sfat minghajr karrozza ghal xmien twil, u di piu' kellha tibqa' thallas hi l-installments taghha ;

[3] Kontijiet Bankarji f' isem il-partijiet separatament, u kont kongunt, kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu ;

[4] Polza ta' sikurta' tas-sahha mas-socjeta' BUPA f' isem il-konvenut, u li l-beneficjarji prezenti taghha huma l-konvenut u binthom Karin ;

[4] Ghamara u mobbli esiztenti fid-dar matrimonjali ; eskluza l-ghamara antika appartenenti lil Lucia Camilleri, oht l-attrici, u li tinsab elenkata fil-paragrafu 69[12] tar-relazzjoni tieghu li skond l-attrici din ghandha valur kumplessiv ta' Lm2,000;

*Passiv*
[A] Id-dejn li ghad hemm pendenti fuq l-istess dar dovut lil HSBC Home Loans [Malta] Ltd. u li sas-26 ta' Awissu <u>2002</u> kien jammonta ghal Lm8,040.94;

[B] Kreditu ta' Lm4,000 dovut lil Lucia Camilleri, oht l-attrici, li dina kienet harget bhala depozitu fuq il-kuntratt

---
[10] Dok.N0D4 – fol.580
[11] Dok.CN28 – fol.345
[12] Fol.651

ma' l-akkwist tad-dar konjugali; liema debitu jirrizulta ammess mill-istess konvenut;[13]

[C] Kreditu ta' Lm4,000 tal-konvenut, flus mahruga minnu fuq l-imsemmi kuntratt;

[D] Kreditu ta' Lm500, rapprezentanti ammont ta' garanzija, dovut lill-istess Lucia Camilleri, kif spjegat mill-perit legali fil-paragrafu 70[d] fol.652 ;

[E] Krediti ta' nofs l-ammonti ta' Lm171.11 u LM85.64, rapprezentanti kontijiet tat-telefon u dawl u ilma, mhallsa mill-attrici u li jirriferu ghal data antecedenti l-imsemmi digriet ;

[F] Kreditu ta' Lm30,000 dovut lill-attrici rapprezentanti proprjeta' parafernali, u f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi u taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-pert legali kontenuti fil-paragrafu 68[a][14] tar-relazzjoni tieghu ;

[G] Kreditu ta' mija disa u tletin lira maltin [Lm139] dovuti lill-attrici, rapprezentanti nofs il-flus [1000USD] migbuda mill-kont kongunt tal-partijet, mill-konvenut ad insaputa ta' l-attrici u mibghuta mill-konvenut  lil mara indikata fuq ir-ritratt esebit .

Illi rigward il-krediti l-ohra pretizi minn Lucia Camilleri rapprezentanti pagamenti maghmula minnha sabiex tghin lil ohtha thallas l-ispejjez, kontijiet u loans, li wara d-digriet ta' 3 ta' Marzu 1989 kellhom jithallsu mill-attrici, mill-manteniment dovut lilha, izda li ma setghux jithallsu minnha stante li l-konvenut ma' baqax jonera dan l-obbligu tieghu ; il-Qorti tirrileva li dawna ma jistghux jigu mghobbija fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, imma jirrapprezentaw kreditu ta' Lucia Camilleri dovuti mill-attrici mill-arretrat ta' manteniment attribwit lilha b' din is-sentenza.

[13] Ittra – dok.N0D3 – fol.579
[14] Fol.650

L-istess ragunament japplika ghal pagamenti maghmula mill-attrici wara l-imsemmi digriet lil HSBC Home Loans [Malta] Ltd. u dan stante li, kif stqarret l-istess attrici fid-deposizzjoni taghha, dawna kellhom jithalls mill-manteniment akkordat lilha. Ghalhekk huwa biss il-bilanc ezistenti llum li jghabbi liz-zewg partijiet ugwalment.

Illi rigward il-kreditu dovut lil Kaptan Samir El-Eid, il-Qorti tosserva li l-provi f' dan ir-rigward hums skarsi ghall-ahhar u jikkonsistu biss f' ittra[15] datata 19 ta' Cnar 1996 firmata taht l-imsemmi isem u li tindika li f' dak iz-zmien kien fadal bilanc ta' £1,180 ; u ghalhekk in mankanza ta' provi ohra ma thoss li l-ezistenza illum ta' dan il-kreditu gie sufficjentement provat.

Illi rigward il-vettura Porsche 944 f' isem il-konvenut u li qeda fil-pussess tieghu, mill-provi jirrizulta li dina kienet inxtrat minnu waqt l-gherusija u ghalhekk hija proprjeta' parafernali tieghu ;

Illi rigward is-somma ta' £10,000 li fin-nota ta' l-osservazzjoni taghha l-attrici tghid li kienet giet zbankata mill-konvenut, ad insaputa ta' l-attrici, fil-mori tal-kawza, din il-Qorti ma sabitx provi adegwati f' dan ir-rigward. Jigi osservat li l-provi ghandhom jirrizultaw b' mod car u sodisfacenti, occorrendo anke bi spjegazzjoni adegwata, u mhux il-kompitu ta' din il-Qorti tipprova tindovina minn fejn tirrizulta provata allegazzjoni bhal dik in disamina.

*Assenjazzjoni*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti thoss li f' dan il-kaz hija gusta u xierqa s-segwenti assenjazzjoni u ghalhekk tordna li :-

[1] Id-dar matrimonjali, l-appartament numru 14, blokk numru 175 f' Tower Road Sliema, inkluz l-ghamara ezistenti [izda eskluza l-ghamara appartenenti lil Lucia Camilleri kif fuq indikat] jinbiegh fi zmien tlett snin millum,

[15] Dok.CN prezentat mill-attrici – fol.289

bis-subbasta, izda l-partijiet huma liberi li jifthemu li jbieghu l-post fuq is-suq liberu ; u mir-rikavat tal-bejgh ghandhom jigi mhallsa s-segwenti krediti lill-kredituri rispettivi hawn taht indikati :

[a] Il-bilanc tad-dejn li jkun ghad fadal fuq l-istess appartament, mas-socjeta' HSBC Home Loans Limited ;
[b] Il-kreditu ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin [Lm4,500] dovut lil Lucia Camilleri ;
[c] Il-kreditu ta' tletin elef lira maltin [Lm30,000] proprjeta' parafernali ta' l-attrici u dovut lilha ;
[d] Il-kreditu ta' erba u sebghin elf, erba mija u hamsin lira Maltin [Lm74,450] arretrat ta' manteniment dovut lill-attrici ;
[e] Il-manteniment dovut favur il-minuri li ma jkunx thallas sa dak in-nhar jew sakemm it-tifla tkun saret maggjorenni ;
[f] Il-kreditu ta' erbat elef lira Maltin [Lm4,000] proprjeta' parafernali tal-konvenut u dovut lilu ;
[g] Il-kreditu ta' mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu [Lm128.33] dovut lill-attrici ;
[h] Il-kreditu ta' mija disa u tletin lira Maltin [Lm 139] dovut lill-attrici ;

Illi wara li jitnaqqsu dawn il-krediti mill-prezz rikavat, il-bilanc ghandu jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wahda tigi assenjata lill-attrici u l-ohra tigi assenjata lill-konvenut, wara li jitnaqqsu xi ammonti kif hawn taht indikat ;

[2] Il-vettura Golf fil-pussess tal-konvenut qeda tigi assenjata lilu li minn naha tieghu ghandu jikkompensa lill-attrici bi hlas tas-somma ta' sebat elef lira Maltin [Lm7,000] liema somma ghandha tithallas mill-porzjon tal-konvenut rapprezentanti sehemu mill-bilanc tar-rikavat tal-bejgh u qabel ma jithallas lilu l-imsemmi porzjon;

[3] Il-kontijiet bankarji mizmuma mill-partijet separatament ghandhom jigu assenjati lilhom rispettivament; filwaqt li l-flus depozitati fil-kont kongunt ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet;

[4] Il-polza tas-sikurta’ tas-sahha mas-socjeta’ BUPA ghandha tibqa’ f’ isem il-konvenut ;

[5] L-ghamara antika ezistenti fid-dar matrimonjali u indikata fil-paragrafu 69 tar-relazzjoni tal-perit legali ghandha tigi ritornata lil Lucia Camilleri a kariku ta’ l-attrici ;

[6] Illi kull dejn maghmul mill-partijiet separatament u ad insaputa ta’ xulxin jibqa’ a kariku tal-parti li ghamlitu ;

Illi sa perijodu ta’ tlett snin l-attrici ghandha d-dritt tibqa’ tghix fil-fond ma’ bintha ad eskluzjoni tal-konvenut ; izda minn issa qeda tigi ordnata li gheluq it-tlett snin millum hija u bintha jivvakaw l-fond.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi :

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b’ effett, ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut ;

[2] tilqa’ it-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn ma zewgha ;

[3] tilqa’ t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici ; bl-access liberu ghal missier kif fuq spjegat fil-paragrafu intestat ‘Kura u Kustodja’ u bil-kondizzjonijiet kollha hemm imposti fuq il-konvenut ;

[4] tilqa’ ir-raba talba fis-sens li tafferma d-dirtt ta’ l-attrici li tezigi manteniment ghaliha f’ kaz li din tieqaf tahdem u tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici manteniment ta’ sitt mija u hamsin lira Maltin [Lm650] fix-xahar favur binthom Karin sakemm din issir maggjorenni ;

[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48[1] tal-Kap.16 limitatament ghal-paragrafi [a][b] u [d] ;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tiddikjara xjolta millum il-komunjoni ta’ l-akkwisti u tillikwidaha u tordna l-assenjazzjoni ta’ l-

assi kif dettaljatament indikat fil-paragrafu intestat ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’ ;

[7] tilqa’ is-seba talba ;

[8] tilqa’ it-tmien talba limitatament ghal perijodu ta’ tlett snin millum ; wara liema perijodu l-attrici flimkien ma’ binthom ghandhom jvvakaw il-fond matrimonjali, kif fuq spjegat ;

[9] tilqa’ id-disa talba ;

Tordna li l-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut bhala l-parti hati tal-firda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------